31998D0242

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-20 ta' Marzu 1998

li tagħraf fil-prinċipju l-kompletezza tar-rapporti sottomessi għal eżami dettaljat fid-dawl tal-possibbiltà ta' l-inklużjoni ta' *cyhalofop-butyl, pyraflufen-ethyl u azafenidin* fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE dwar l-introduzzjoni ta' prodotti tal-ħarsien tal-pjanti fis-suq

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(98/242/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 dwar it-tqegħid ta' prodotti tal-ħarsien tal-pjanti fis-suq [1], kif l-aħħar emendata mid-Direttiva tal-Kummissjoni 97/73/KE [2] u b' mod partikolari l-Artikolu 6(3) tagħha,

Billi d-Direttiva 91/414/KEE (minn hawn 'il quddiem 'id-Direttiva') ipprovdiet għall-iżvilupp ta' lista Komunitarja ta' sustanzi attivi awtorizzati għall-inkorporazzjoni fi prodotti tal-ħarsien tal-pjanti;

Billi l-applikanti ssottomettew rapporti għal tliet sustanzi attivi lill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri bil-għan li jiksbu l-inklużjoni tas-sustanzi attivi fl-Anness I għad-Direttiva;

Billi rapport għas-sustanza attiva *cyhalofop-butyl* ġie sottomess minn Dow Elanco Italia Srl lill-awtoritajiet Taljani fit-30 ta' April 1997;

Billi rapport għas-sustanza attiva *pyraflufen-ethyl* ġie sottomess minn Nihom Nohyaku Co. Ltd lill-awtoritajiet Belġjani fis-16 ta' Ġunju 1997;

Billi rapport għas-sustanza attiva *azafenidin* ġie sottomess minn du Pont de Nemours (Franza) SA lill-awtoritajiet Spanjoli fil-25 ta' Ġunju 1997;

Billi l-awtoritajiet imsemmija indikaw lill-Kummissjoni r-riżultati ta' l-ewwel eżami tal-konformità tar-rapport f'dak li għandu x' jaqsam mal-ħtiġijiet ta' *data* u informazzjoni li huma provduti fl-Anness II u, għal ta' l-anqas prodott wieħed tal-ħarsien tal-pjanti li fih is-sustanza attiva konċernata, fl-Anness III għad-Direttiva; billi sussegwentement, f'konformità mad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 6(2), ir-rapport ġie sottomess mill-applikanti lill-Kummissjoni u lill-Stati Membri l-oħra;

Billi r-rapporti għal *cyhalofop-butyl*, *pyraflufen-ethyl* u *azafenidin* ġew sottomessi lill-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti fis-16 ta' Diċembru 1997;

Billi l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva jeħtieġ li jiġi kkonfermat fuq livell ta' Komunità li kull rapport għandu jkun meqjus bħala wieħed li jissodisfa fil-prinċipju r-rekwiżiti tad-*data* u l-informazzjoni li huma provduti fl-Anness II u, għal ta' l-anqas prodott wieħed tal-ħarsien tal-pjanti li fih is-sustanza attiva konċernata, fl-Anness III għad-Direttiva;

Billi tali konferma hija neċessarja sabiex wieħed ikompli eżaminazzjoni dettaljata tar-rapport kif ukoll sabiex tkun miftuħa għall-Istati Membri l-possibiltà li tingħata awtorizzazzjoni proviżorja għall-prodotti tal-ħarsien tal-pjanti li fihom din is-sustanza attiva f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva, u b' mod partikolari l-kundizzjoni biex isir eżami dettaljat tas-sustanzi attivi u l-prodotti tal-ħarsien tal-pjanti fir-rigward tal-ħtiġijiet tad-Direttiva;

Billi tali Deċiżjoni ma tippreġudikax li aktar *data* jew informazzjoni tista' tkun mitluba mill-applikant fejn jirriżulta matul l-eżami dettaljat li tali informazzjoni jew *data* huma rikjesti biex tittieħed Deċiżjoni;

Billi huwa mifhum bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni li l-Italja ser tkompli l-eżaminazzjoni dettaljata tar-rapport għall-*cyhalofop-butyl*, li l-Belġju ser ikompli l-eżaminazzjoni dettaljata tar-rapport għall-*pyraflufen-ethyl* u li l-Ispanja ser tkompli l-eżaminazzjoni dettaljata tar-rapport għall-*azafenidin*;

[1] ĠU L 230, tad-19.8.1991, p. 1.
[2] ĠU L 353, ta' l-24.12.1997, p. 26.

Billi l-Italja, l-Belġju u Spanja ser jirrapportaw il-konklużjonijiet ta' l-eżaminazzjonijiet tagħhom flimkien ma' kwalunkwe rakkomandazzjonijiet dwar l-inklużjoni jew nuqqas ta' inklużjoni u kwalunkwe kundizzjonijiet relatati magħhom lill-Kummissjoni mill-aktar fis possibbli u l-aktar tard tul perijodu ta' sena; billi malli jiġi riċevut dan ir-rapport l-eżami dettaljat jitkompla bil-kollaborazzjoni teknika ta' l-Istati Membri kollha fil-qafas tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti;

Billi l-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADDOTTAT DIN ID- DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-rapporti li ġejjin jissodisfaw fil-prinċipju l-ħtiġijiet tad-*data* u informazzjoni provduti fl-Anness II, u għal ta' l-anqas prodott wieħed tal-ħarsien tal-pjanti li fih s-sustanza attiva konċernata, fl-Anness III għad-Direttiva, meta wieħed iqis l-użu propost:

1. ir- rapport sottomess minn Dow Elanco Italia Srl lill-Kummissjoni u l-Istati Membri bil-għan li jiġi nkluż l-*cyhalofop-butyl* bħala sustanza attiva fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE u li kien ġie sottomess lill-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti fis-16 ta' Diċembru 1997;
2. ir-rapport sottomess minn Nihon Nohyaku Co. Ltd lill-Kummissjoni u l-Istati Membri bil-għan li jiġi nkluż il-*pyraflufen-ethyl* bħala sustanza attiva fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE u li kien ġie sottomess lill-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti fis-16 ta'Diċembru 1997;
3. ir-rapport sottomess minn Du Pont de Nemours (Franza) SA lill-Kummissjoni u l-Istati Membri bil-għan li jiġi nkluż l-*azafenidin* bħala sustanza attiva fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE u li kien ġie sottomess lill-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti fis-16 ta' Diċembru 1997.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-20 ta' Marzu 1998.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni